**Qorti tal-Appell Kriminali**

**GĦAWDEX**

**Onor. Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Appell Nru: 13 / 2023 / 1**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Emanuel Mizzi**

**Illum 25 ta' Jannar 2024**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni mressqa kontra Emanuel Mizzi, bin Louis u Margaret nee' Tabone, imwieled Sannat, Għawdex fl-24/12/1956 u residenti fil-fond 'Sapphire' Triq it-Tabib Anton Tabone, Rabat, Għawdex ID 67256G li permezz tagħha ġie akkużat talli:

> *"fit-19 ta' Diċembru, 2018 u fil-ġranet ta' qabel ġewwa Triq Borg Għeritu r-Rabat, Għawdex,*
>
> *1. Mingħajr il-ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi izda biss biex jeżerċita dritt li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita' tiegħu nnifsu lil xi ħadd iħallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil Bjorn Vella fil-pussess ta' ħwejġu."*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-13 ta' Ġunju 2023, fejn il-Qorti sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta illiberatu bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mid-data tas-sentenza filwaqt li b'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-ewwel Qorti ordnat li l-ispejjeż peritali relattivi għal dan il-każ u ċioe' fl-ammont ta' EUR 1,408.70c għandhom jitħallsu mill-imputat.

Rat ir-rikors tal-Appell ta' Emanuel Mizzi preżentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-21 ta' Ġunju 2023 fejn stqarr li huwa hassu aggravat minn din is-sentenza u kien ghalhekk li interpona umli appell.

**Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

L-ewwel erba' aggravji jirrelataw dwar l-elementi li jridu jikkonkorru sabiex tista' tinstab htija taht ir-reat ta' ragion fattasi, liema elementi gew elenkati mill-gurista **Francesco Carrara** fejn jsemmi erbgha (4) elementi li jridu jissussistu li huma s-segwenti:

> 1. *Un atto esterno che spogli altri di un bene che gode, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo;*
>
> 2. *Credenza di far quest'atto in esercizio di un diritto;*
>
> 3. *Coscienza di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati;*
>
> 4. *Mancanza di titolo piu grave.*

1. Fil-konsiderazzjoni taghha l-Onorabbli Qorti tal-ewwel istanza ma rriskontrat l-ebda prova jew analizzat il-fattispecie tal-kaz mal-elementi li jikkostitwixxu r-reat ta' ragion fattasi, u dan fir-rigward tal-ewwel element li jirrigwarda – att

estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-oppozizzjoni espressa jew prezunta ta' dan il-hadd iehor.

Fil-kaz odjern, l-esponenti jaghmel referenza ghas-segwenti provi:-

- ritratt esebit minnu stess mmarkat bhala Dok. EM1, liema ritratt tal-2018 juri xoghol ta' finishing fil-blokk avanzat u ma kien hemm l-ebda toqba ffurmata fil-hajt li taghti mill-veranda tal-propjeta` sovrastanti tal-kwerelant ghal gol-bitha tal-esponenti;
- kif ukoll l-esponenti jirreferi ghax-xhieda ta' missier il-kwerelant ta' nhar is-16 ta' Lulju 2020 fejn Frankie Vella fix-xhieda tieghu jghid illi din it-toqba ghall-ilma *"…saret temporanjament"* u in kontro ezami meta muri Dok. EM1, jammetti li r-ritratt mehud kien meta x-xogholijiet kienu lesti u t-terrazzin kien lest iccangat bil-madum filwaqt li ma kienx hemm toqba maghmula. Frankie Vella jixhed illi ma avza lil hadd meta hu kien ser jahdem.

Dan kollu ma giex kontradett, u jimplika b' mod kristallin illi l-kwerelant ma jistax jivvanta minn xi pretensjoni li huwa kien qieghed igawdi minn xi toqba biex jiskula l-ilma tat-terrazzin tieghu. Liema toqba saret b'mod provisorju u temporanju 'l ghaliex il-kwerelant bhala s-sid tal-fond in kwistjoni ma haseb xejn minn fejn seta' jghaddi l-ilma tal-istess terrazzin, li jinkludi kemm ilma tax-xita u anke dak tal-hasil fit-terrazzin.

B'dan in-nuqqas gravi tal-kwerelant, il-kwerelant *tramite* l-appaltatur li *tal volta* qabbad lil missier il-kwerelant qabad u kladestinament taqqab toqba irqieqa sabiex jiskula l-ilma tat-terrazzin ghal gol-bitha tal-esponenti. Illi dan huwa l-fatt *madre* li ta lok ghal din il-vertenza shiha, fejn dritt malli sar jaf l-esponenti kien ghamel rapport l-ghassa u ha hsieb jaghlaq din it-toqba li saret go hwejgu minn gol-bitha tieghu sabiex ma ssirx hsara go hwejgu.
Gustament l-esponenti fix-xhieda tieghu tad-29 ta' Jannar 2020, jghid illi sab toqba ta' circa tlett kwarti ta' pulzier imtaqba mit-terrazzin tal-fond sovrastanti ghal gol-bitha tieghu. Jghid illi huwa kien konsapevoli li din kienet ser tirreka

hsara waqt ic-carcir tal-ilma mal-hajt apparti li l-ilma kien qed jinzel fil-bitha. Jghid illi huwa ghalaq it-toqba bis-cement, u nzerta tkellem dak il-hin mal-kwerelant fejn avzah biex ma jaghmilx iktar toqob u li sejjer jaghmel rapport l-ghassa.

L-Ewwel Qorti fil-kaz odjern jidher li ma haditx in konsiderazzjoni ta' dak kollu li gara u ma poġġiet taht l-ebda skrutinju l-ghemil tal-kwerelant li ghamel jew qabbad lil min jaghmel. Dan in-nuqqas ta' skrutinju da parti tal-ewwel Qorti qieghed lill-esponenti f'lenti hazina li ma tirriflettix ir-realta'. Meta l-esponenti aġixxa, dan ma agixxiex *'in a vacuum'*, iżda aġixxa minhabba l-agir abbuziv tal-kwerelant stess u l-esponenti kulma ghamel kien li kien qed jiehu hsieb li ma ssirx hsara go hwejjgu.

Fl-umli fehma tal-esponenti huwa fantasija li l-Ewwel Onorabbli Qorti kklasifikat l-agir tal-esponenti bhala wiehed spoljattiv meta huwa bl-azzjoni tieghu kull ma ghamel kien li ssalvagwardja u ttutela l-pussess pacifiku go hwejjgu. M'ghandux dritt l-esponenti jiehu hsieb hwejgu? Wara kollox l-esponenti huwa obbligat anke bil-Ligi li jara li d-danni go hwejgu ma jikbrux konsiderevolment f' kaz ta' rivalza ghad-danni kontra l-kwerelant.

Fuq dan l-ewwel element ta' ragion fattasi l-ewwel Qorti kellha dmir u l-obbligu legali li tixtarr il-fattispecie tal-kaz kif dan effettivament jista' jigi kkunsidrat att estern li jispolja lil xi hadd meta huwa l-esponenti stess li kien qed jigi effettivament spoljat. U kif dan l-att seta' qed jsir kontra oppozizzjoni espressa jew prezunta fejn l-kwerelant meta fetah din it-toqba addirittura kien qed jagixxi bi ksur tal-kundizzjonijiet marbuta mal-kuntratt tal-akkwist tieghu, senjatament bi ksur tal-kundizzjoni numru 16 fl-att tal-akkwist tieghu li tghid is-segwenti:

*"16. Il-kompratur ma jistax jitfa' ilma fuq il-propjetajiet sottostanti."*

Semmai, l-azzjoni tal-esponenti kienet wahda li saret *vim vi repellere licet* ghas-semplici raguni li huwa ghalaq it-toqba tal-ilma bl-iskop ewlieni sabiex jregga' lura l-attegjament illegali u spoljattiv tal-kwerelant. Dan il-principju jinkombi li l-forza ta' meta agixxa l-esponenti ser tintuza mhux ghal skop ta' tpattija, izda biex dak li jkun jiddefendi hwejgu. Dwar dan il-principju, **il-Professur Anthony J. Mamo** isostni li:

*"No offence is committed if the agent has done the act in consequence of the necessity of defending his own possession rather than with the purpose of disturbing the possession of others".*

Dan jinkwadra ezatt dak li sehh f'dan il-kaz odjern. L-esponenti huwa tal-umli fehma li l-agir u r-reazzjoni tieghu jaqa' tajjeb fil-limiti ta' dan il-principju u dana billi huwa ghamel dak li ghamel biss sabiex jissalvagwardja l-pussess u t-tgawdija pacifika ta' hwejgu.

B'zieda ma' dan kollu, l-istat ta' fatt preżenti fi żmien tal-kwerela u sal-ġurnata ta' llum huwa li t-toqba mhijiex maghluqa, iżda miftuha, bl-ilma nieżel ma hajt u fil-bitha tal-esponenti! Il-kwerelant ghall-ennezima volta kien rega' fetah din it-toqba b'tali mod u manjiera li rreka izjed hsara fil-propjeta` tal-esponenti – vide Dok. EM2 fil-process. Kif jammetti l-kwerelant stess Bjorn Vella fix-xhieda tieghu tal-14 ta' Frar 2023 fejn jghid in ezami:

> *"Pruvajt niftah it-toqba mill-gdid,…Wara dan, kelli nerga niftah it-toqba rqieqa mit-terazzin,…"*

Dan l-istat ta' fatt ghadu jissustixxi sallum il-gurnata u t-toqba ghadha miftuha sallum kif halliha l-ahhar il-kwerelant, liema att mhux talli hassar kullma seta' ghamel l-esponenti izda ta' lok ghall-kwerela u proceduri kriminali kontra l-kwerelant fi proceduri separati.

F'dan ir-rigward, fl-umli fehma tal-esponenti dan l-element lanqas ma hu minimament ppruvat fl-ebda parti minnu u ghalhekk l-akkuza ta' ragion fattasi kontra l-esponent ghandha tigi ddikjarata mhux ppruvata.

2. Fil-konsiderazzjoni taghha l-Onorabbli Qorti tal-ewwel istanza ma rriskontrat l-ebda prova jew analizzat il-fattispecie tal-kaz mal-elementi li jikkostitwixxu r-reat ta' ragion fattasi, u dan fir-rigward tat-tieni element li jirrigwarda – il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Qorti trid tindaga l-movent tal-esponenti meta agixxa. L-ewwel Onorabbli Qorti ma ghamlet l-ebda konsiderazzjoni fuq dan il-punt u waqghet comb fuq is-sejbien ta' htija tal-esponenti.

Illi l-esponenti ha azzjoni fil-mument li rcieva l-ftuh tat-toqba ghal gol-bitha tieghu unikament sabiex jipprotegi l-propjeta` tieghu milli ssir hsara go hwejgu. Dan huwa kkonfermat meta sussegwentement kif intqal iktar 'l fuq, din it-toqba regghet giet miftuha mill-kwerelant u thalliet miftuha waqt li kienu ghaddejjin proceduri kriminali kontra l-esponenti u anke kontra l-kwerelant.

L-esponent ha hsieb qabbad lill-perit Edward Scerri bhala perit ex parte minn naha tieghu liema perit irrediega rapport – vide **Dok. CM1**, datat 14 ta' Gunju 2020 fejn setghet tigi kkonstatata l-hsara li kienet qed tikber sentejn wara l-akkadut fis-sitwazzjoni kif thalliet mill-kwerelant Bjorn Vella. F'dan ir-rapport l-perit Edward Scerri jaghmel enfasi fuq il-hsara u l-inkonvenjent li qed johloq lill-esponenti apparti l-hsara fl-pedamenti tal-ilma nieżel jiskula taht il-bini. L-esponenti kellu minhabba f' hekk qabel ma tiġi sorvolata din il-kwistjoni jhalli l-bitha tieghu minghajr ccangar tal-madum dment li minhabba l-agir tal-kwerelant ghadu nieżel l-ilma mit-terrazzin sovrastanti.

Bir-rispett kollu lejn l-ewwel Qorti, dan ir-rapport kien jinkludi numru ta' ritratti, li juru l-istess hsara li tidher ukoll fir-ritratti ta' Vincent Ciliberti (perit tal-Qorti) li kien ha waqt l-access mizmum fit-2 ta' Lulju 2021 – sena wara r-rapport tal-perit Edward Scerri. Ir-ritratti preżentati mis-Sur Ciliberti juri car l-hsarat li qed isehhu fil-propjeta` tal-esponenti li xtaq jevita l-istess esponenti meta agixxa. Illi minhabba l-agir illegali

tal-kwerelant li rega' fetah din it-toqba il-hsara kompliet tikber u ppersista l-inkonvenjent ghall-esponenti.

Ghalhekk, m'ghandu jkun hemm l-ebda dubju li minkejja l-ksur tal-kondizzjonijiet civili skond il-kuntratt tal-akkwist tal-kwerelant, l-agir tal-imputat kien biss preventiv li meta rinfaccjat bi vjolenza l-ftuh mill-gdid tat-toqba mill-kwerelant kif intqal qabel, dan thalla fl-*istatus quo* sakemm issir gustizzja skond il-Ligi.

Illi dan l-istat ta' fatt — toqba li ghadha tnixxi l-ilma — ghadu jissustixxi u l-hsara qieghda dejjem tikber fil-propjeta` tal-imputat ormai kwazi hames snin mill-akkadut meta l-kwerelant fetah din it-toqba ghall-ilma fil-bitha tal-imputat.

Possibbli illi toqba irqieqa li saret b'mod temporanju u li qieghda titfa l-ilma illegalment gol-bitha tal-esponenti liema toqba nfethet darbtejn bi vjolenza minn wara dahar l-esponenti, ser tiehu xejra permanenti ghax il-kwerelant ha l-Ligi b' jdejh? Dak li seta' ghamel l-esponenti kien irrizorju ghal fejn il-kondotta tal-kwerelanti.

Ghalhekk, anke dan l-element ma jista' qatt jkun ippruvat sal-grad rikjest mill-Ligi fejn l-esponenti, kien u ghadu *'at the receiving end'*, u r-rimedju ghal dan l-akkadut kontra tieghu qed jiggieled ghalih quddiem l-Awtoritajiet gudizzjarji. U ghalhekk din l-akkuza ta' raggion fattasi fil-konfront tieghu ghandha tigi ddikjarata mhux ppruvata.

3. Fil-konsiderazzjoni taghha l-Ewwel Qorti ma rriskontrat l-ebda prova jew analizzat il-fattispecie tal-kaz mal-elementi li jikkostitwixxu r-reat ta' ragion fattasi, u dan fir-rigward tat-tielet element li jirrigwarda – il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-Awtorita` pubblika.

Skont sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet <u>il-**Pulizija v. John Dimech**</u> deciza nhar l-24 ta' Gunju 1961:

> *"id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat, jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat-tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu".*

Il-Prosekuzzjoni kellha d-dmir legali li tipprova lil hinn minn kull dubju ragjonevoli li l-appellant wettaq tali att materjali bl-intenzjoni u l-konoxjenza hekk kif rikjesti mil-Ligi. Il-gurista Antolisei jghid hekk:

> *"quanto all'elemento soggettivo generalmente si afferma che occorre un dolo specifico, il quale sarebbe costituito dal fine di esercitare un preteso diritto. Questa opinione deriva da una inesatta nozione del dolo specifico. Il fine di esercitare un preteso diritto, invero non e' altro che l'intenzione di farsi ragione da se medesimo, e siccome questo 'farsi ragione ecc' non e un quid che sta al di la del fatto che costituisec il reato, ma il fatto medesimo (azione ed evento) il dolo richiesto deve ritenersi generico, e non specifico."*

L-esponenti kien jaf illi l-kwerelant meta qabad u fetah it-toqba ghal go hwejgu kien qed jikser il-kundizzjonijiet fil-kuntratt tal-akkwist tieghu, fejn il-kwerelant u kulhadd fil-blokk huwa prekluz milli jitfa' ilmijiet ghal fuq il-propjeta` sottostanti (f' dan il-kaz huwa l-esponenti li ghandu l-fond sottostanti). Kien ghalhekk, il-kwerelant meta fetah it-toqba ghal darba, darbtejn, li b'intenzjoni dolużа li ha l-Ligi b'idejh u mhux l-imputat li pprova jsewwi l-hsara li saritlu ossia jghalaq din it-toqba. Barra minn hekk, l-ezami ta' dan l-element jrid jsir fl-isfond li t-toqba thalliet miftuha sallum kif ippersista fl-agir abbużiv tieghu l-kwerelant a skapitu tal-esponenti. Referenza f' dan ir-rigward trid issir ghal Dok. EM2, ir-rapport tal-perit Edward Scerri Dok. CM1, ir-ritratti mehuda waqt l-access minn Vincent Ciliberti kif ukoll diversi xhieda fosthom l-istess kwerelant Bjorn Vella u missieru Frankie Vella li jammettu li t-toqba thalliet miftuha minhom.

Ghalhekk, m'ghandux jkun hemm dubbju li kien il-kwerelant innifsu li ha l-Ligi b'idejh u fetah it-toqba oriġinarjament, u kwalunkwe intervent tal-esponenti dan kien intervent limitat purament ta' natura preventiva. Li kieku kellu dritt il-kwerelant jiftaq toqob ghall-ilma u hasil ghal gol-bitha tal-esponenti kien jmessu pproceda ċivilment kontra l-esponenti – xi haġa li ma saritx.

Minkejja li l-esponenti pprova jissalvagwardja l-propjeta` tieghu f'tentattiv biex jimminimizza d-danni fil-propjeta' tieghu u dana anke skont il-kundizzjonijiet li jirregolaw il-blokk, din l-Onorabbli Qorti ghandha jirrizultalha effettivament fejn il-kwerelant kienet il-persuna li hadet regghet il-Ligi b'jdejha a skapitu tal-esponenti u l-esponenti ma kellu imbghad l-ebda triq ohra hlief li jipprocedi bi kwerela separata kontra l-kwerelant Bjorn Vella.

Fil-fatt din il-procedura kontra l-esponenti nbdiet wara li kienu diġà bdew proceduri kriminali kontra l-kwerelant, liema procedura inbdiet b' ritaljazzjoni talli l-esponenti kien mexxa kriminalment kontra l-kwerelant ghall-agir tieghu.

Ghalhekk, mhux talli ma giex ippruvat dan l-element u bl-ebda mod l-esponent ma agixxa minflok l-awtorita` talli kien il-kwerelant li ghal iktar minn darba gharraq hwejjeg l-esponenti b'awtorita` li qatt ma kellu u dan b'ammissjoni cara fix-xhieda tieghu stess tal-14 ta' Frar 2020:

*"Pruvajt niftah it-toqba mill-gdid,…Wara dan, kelli nerga niftah it-toqba rqieqa mit-terazzin,…"*

Iktar tard fix-xhieda tieghu, il-kwerelant jvarja din il-verzjoni tieghu u jghid li hu qabbad lill-appaltatur Kevin Zammit li talvolta qabbad lill-missier il-kwerelant, li dan tal-ahhar jghid li missieru hadem fil-prezenza tieghu go hwejgu. Dan kien sempliciment tentattiv sabiex il-kwerelant jipprova jimplika li huwa ma kienx l-artefice tax-xoghol li sar abbużiv a skapitu tal-esponenti. Fl-opinjoni tal-esponenti din m'hi xejn ghajr tentattiv bla sugu – jibqa' l-fatt illi l-kwerelant kien ilu sid tal-propjeta' sovrastanti u kellu kontroll ta' hwejgu tant huwa hekk illi jixhed kemm fl-ammissjoni tieghu li huwa fetah din it-toqba ghall-ilma u anke li ghamel sorveljanza tax-xoghol kif kien qed jsir go hwejgu.

Fir-rigward tal-esponenti, huwa l-esponenti li qieghed jgarrab l-agir mhux sancit minn xi Awtorita` pubblika tal-kwerelant u mhux vice versa kif dedotti f' dawn l-akkuzi tal-

kaz odjern. Ghalhekk, dan l-element m'ghandux jissustixxi u l-akkuza ta' raggjon fattasi fil-konfront tieghu ghandha tigi ddikjarata mhux ppruvata.

4. Fil-konsiderazzjoni taghha l-Onorabbli Qorti tal-ewwel istanza ma rriskontrat l-ebda prova jew analizzat il-fattispecie tal-kaz mal-elementi li jikkostitwixxu r-reat ta' ragion fattasi, u dan fir-rigward tar-raba' u l-ahhar element li jirrigwarda – in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti ha hsieb pprotega l-propjeta` tieghu kif kellu dritt li jaghmel u wara li bi vjolenza u b' mod klandestin ircieva att spoljattiv fil-konfront tieghu meta l-kwerelant fetah toqba fil-hajt tal-bitha tieghu. Dan wara li l-hajt kien lest miksi u fl-livell ta' finishes avvanzati u ma kien juri l-ebda toqba – vide Dok. EM1.

L-esponenti agixxa b'mod immedjat sabiex jilqa' ghat-thedida tas-spoljazzjoni li saret mill-kwerelant. L-esponenti sab it-toqba fil-propjeta` tieghu maghmula minn wara dahru, 'l ghaliex l-kwerelant kellu kull hin a dispozizzjoni tieghu jwettaq dan ir-reat da parti tieghu jew jqabbad lil min kif jammetti li ghamel.

Finalment, din l-Onorabbli Qorti trid tqis ukoll illi l-esponenti agixxa interament go hwejgu fil-bitha tal-garaxx tieghu u li finalment ha s-sopravvent il-prepotenza tal-kwerelant meta l-istat ahhari u li ppersista ghal tul dan iz-zmien kollu waqt il-proceduri kien l-istat li fihom halla l-affarijiet l-kwerelant billi bi vjolenza rega' fetah it-toqba ghall-ilma a skapitu u hsara tal-esponenti.

Ghalhekk, lanqas dan ir-raba' element ma jista' jissustixxi u lanqas jista' jigi ppruvat sal-grad rikjest mill-Ligi u l-akkuza ta' raggion fattasi fil-konfront tieghu ghandha tigi ddikjarata mhux ppruvata.

5. Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost l-esponenti gie ordnat jhallas l-ispejjez peritali relattivi ta' din il-kawza fl-ammont ta' EUR 1,408.70c skont id-dettami tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-esponenti huwa tal-umli fehma illi Vincent Ciliberti kien gie mahtur mill-Onorabbli Qorti tal-ewwel istanza ghall-fini ta' spedjenza taghha w imkien ma gie mitlub mill-partijiet il-hatra tieghu. Barra minn hekk, l-Onorabbli Qorti tal-ewwel istanza ma hatritx lil Vincent Ciliberti bhala espert partikolari biex jassisti lil Qorti f'xi dixxiplina jew qasam partikolari. L-ewwel Qorti hatret lil Vincent Ciliberti sabiex jiġbor il-provi fejn essenzjalment dawn il-provi kienu x-xhieda viva voce, gew ippreżentati lilu d-dokumentazzjoni varja li kellhom il-partijiet u ghamel aċċess; u finalment jirredigi rapport ghall-Qorti.

Minkejja l-Ligi applikabbli, nonostante li kien hemm bdil fil-Magistrat sedenti ghal din il-kawza fl-ewwel istanza taghha, il-partijiet kien qabblu li ser joqghodu fuq il-provi li kienu nġabru kollha quddiem Vincent Ciliberti u dan biex ma jerġax jibda mill-gdid l-istadju tal-provi tal-partijiet.

Illi fl-umli fehma tal-esponenti l-Artiklu citat mill-ewwel Qorti ma japplikax peress illi Vincent Ciliberti kien mahtur biex jisma l-provi bl-istess mod kif kieku kien jsir quddiem il-magistrat sedenti.

Barra minn hekk, l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta japplika biss testwalment meta l-kawza ssir mill-Avukat Generali jew mill-Pulizija ex officio. Fil-kaz odjern l-ebda wahda minn dawn ix-xenarju mhu il-kaz ghalhekk iżjed huwa car illi l-artikolu 533 ma japplikax u l-esponenti qatt ma kellu jkun ordnat jhallas l-ispejjez ta' Vincent Ciliberti.

6. Minghajr preġudizzju ghas-suespost iżda marbut mal-istess tema tal-aggravju preċedenti, l-esponenti jirrileva illi l-provi miġbura quddiem Vincent Ciliberti kienu relatati ma żewġ kawża – din il-kawza odjerna u kawża ohra kontra Bjron Vella (qua kwerelant).

Fil-fatt l-ewwel Qorti kienet hatret lil Vincent Ciliberti ghall-kawza 'l ohra cioe' dik kontra Bjorn Vella permezz ta' digriet datat 10 ta' Jannar 2020. Sussegwentement, nhar l-14 ta' Lulju 2020 permezz ta' digriet f' din il-kawza odjerna, Vincent Ciliberti gie ukoll mahtur f' din il-kawza kontro l-esponenti bl-istess inkarigu.

Ghalhekk, fl-umli fehma tal-esponenti qatt ma kellha issir ordni fuq il-*quantum* kollu tal-ispejjez marbuta mal-hatra ta' Vincent Ciliberti f' din il-kawza stante li l-istess inkarigu kien mifrux fuq żewġ kawżi li kienu qed jinstemghu ma xulxin. Fil-fatt Vincent Ciliberti ghamel rapport wiehed li jiġbor ix-xhieda ghaz-zewg kawżi u kopja identika tieghu ġiet ezebita u mahlufa fiz-zewg inkartamenti taz-zewg kawżi.

Ghalhekk, l-ispejjez msemmija fis-sentenza li qed tiġi appellata żgur li jissuperaw dak li jirrappreżentaw f' din il-kawza.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, l-esponenti appellant talab lil din l-Onorabbli Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza tat-13 ta' Gunju 2023 b' dana illi ma ssib l-ebda htija fl-esponent u tilliberah minn kull kundanna, salv kull provediment iehor li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell joghgobha timponi.

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta.

Rat id-dokumenti ppreżentati.

Eżaminat il-provi prodotti fil-proċess.

Semgħet is-sottomissjonijiet orali magħmula mill-partijiet fis-seduta tas-6 ta' Diċembru 2023.

Rat in-nota ta sottomissjonijiet tal-kwerelant Bjorn vella esebita fl-atti a fol. 222 u dik tal-appellant prezentata a fol. 232 ta l-atti tal-proces.

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi in sintezi l-appaellant qed jghid li l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-povi u dan fid-dawl tal-erba' elementi rikjesti ghall-esitenza tar-reat ta' raggion fattasi.

Din il-Qorti tirribadixxi illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991

Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mall-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

Jekk mill-banda 'l oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi[2]

Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanti ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u

---

[2] Ibid supra

raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> *Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".*

Issa kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal- Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "*unsafe and unsatisfactory*" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "*unsafe and unsatisfactory*". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għall-konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

Din il-Qorti ghalhekk ezaminat bir-reqqa il-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti.

Rat l-affidavit prodott u maghmul minn **PS 1407 Frankie Portelli** esebit fl-atti a fol. 7 markat bhala Dok B. Jispjega li nhar l-24 ta' Dicembru 2018 ghall-habta tas-1.30 p.m Emanuel Mizzi mar l-ghassa tal-pulizija tar Rabat u rraporta li hu ghandu garage fi Triq Borg Geritu, Rabat u fuq in-naha ta wara ghandu bitha. Mizzi zied jghid illi fuq

il-garage hemm il-flats u fuq il-garage hemm flat ta certu Bjorn Vella u dan ghamel toqba fil-hajt peres li l-ilma ma kellux fejn imur u meta taghmel ix-xita u Vella jahsel jew jitfa' xi ilma peres li m'ghandux fejn imur l-ilma jghaddi minn go din it-toqba u icarcar mal-hajt tal-appogg u jinzel ghal gol-bitha tieghu u ghal gol-pedamenti. Mizzi ried jghid illi hu diga tkellem ma' Bjorn fejn kien qallu biex ma jghamilx aktar toqob ghal gol-proprjeta tieghu.

Meta l-pulizija tkellmet ma' dan Bjorn Vella, dan stqarr illi t-toqba li qed jghid Mizzi kien ghamilha certu Kevin Zammit ghax Emanuel ma hallihx jghaddi id-drain pipe minn gox-xaft. Bjorn zied jghid illi Emanuel kien ghalaq it-toqba bis-silicone u huwa fetahha u Emanuel rega' ghalq it-toqba bis-cement. Bjorn zied ighid illi hu ma jkellimx lil Mizzi imma kien tkellem mal-avukat tieghu rigward il-kaz.

Rat l-okkorenza redatta minn l-istess PS 1407 esebita fl-atti a fol. 9 markata bhala dok C.

Rat id-digriet tal-ewwel Qorti datat 14 ta' Lulju, 2020 fejn il-Qorti nnominat lil Vincent Ciliberti sabiex jigbor il-provi u dan fil-presenza tal-imputat *qua* appellant li ma kienx assistit.

Rat ix-xhieda tal-kwerelant **Bjorn Vella** moghtija minn jeddu quddiem l-espert nominat mill-Qorti nhar l-14 ta Frar 2020 [3] jikkonferma li kien xtara l-appartament ta' fuq il-garage tal-appellant kif ukoll garage. Fil-pjanta mmarkati bhala Flat 1 u garage 1 fuq il-pjanta mehmuza mal-att ta' akkwist. Jghid li kien xtrahom minghan Kevin Zammit. Huwa esebixxa il-kunratt tal-akkwist tieghu li gie markat bhala Dok. BV1 inkluz il-pjanti. Meta akkwista l-appartament il-garages biss kienu gja mibnija sa gholi ta' ghaxar filati kif ukoll kienu imsaqqfin. Kien is-sur Kevin Zammit li kien bena l-blokka kollha.

It-toqba li minnha qiegehd jilmenta il-kwerelant saret mill-persuna li minn ghandu akkwisita l-font u cioe' minghand Kevn Zammit. Il-madum fit-terrazin jaqleb lejn it-toqba u dan ukoll sar minn Kevin Zammit.

---

[3] Fol. 101 ta l-atti

Mill-appartament ta' fuqu u cioe mit-tlett appartamenti 'l ohra niezla katusa ghat-terazzin tieghu, filwaqt li fit-terazzin tieghu hemm elbow u ma kienx hemm katusa li tarmi l-ilma fil-bitha tal-appellant ghalkemm ma gietx installata katusa vertikali fil-bitha tal-appellant.

Sa fejn jaf hu qatt ma kien hemm katusa installata fil-btiha tal-appellant. Min naha tieghu kien tkellem ma' Kevin Zammit sabiex jintlahaq kompromess pero' jiftakar li kien qallu li l-appellant ma riedx katusa fil-bitha tal-garage.

Ix-xhud esebixxa nhar is-16 ta' Lulju, 2020[4] erbgha pagni konsistenti f'hames ritratti mehudin minnu nnifsu li gew markati bhala Dok. BV2. Qal li hadhom mit-terrazin ta wara tal-fond li fih jabita u dan xi xahar qabel. Qal li r-ritratti numru 1 u 2 jindikaw il-katusa li giet imkissra. Il-katusa tiehu l-ilma t-terrazin ta' fuq cioe tat-tlett sulari ta' fuqu. Esebixxa ritratt iehor markat numru 3 li turi t-toqba li giet mizduda u regghet infethet.

Fil-21 ta' Ottubru, 2020 ix-xhud rega' xehed u spjega li s-sur Mizzi f'Dicembru 2018 kien sadd it-toqba li mill-gallerija tieghu jew terrazin tghati ghal-bitha tas-sur Mizzi. Ghalhekk wara Dicembru, 2018 kien ipprezenta kwerela fil-konfront ta' sur Mizzi li hija markata bhala Dok BV 1. Jispjega li wara li instaddet it-toqba kien kelmu s-sur Mizzi u kien qallu li ma riedx li ilma jaqa' fil-bitha tieghu u li jekk jerga' jiftah it-toqba kien sejjer jerga' jsoddha. Kien ghalhekk li baghat ittra ufficcjali markata bhala Dok BV2.

Jispjega li s-sur Mizzi ghandu access ghall-bitha tal-garage tieghu u li mill-bitha tieghu jista' jara it-terazzin tieghu u t-terrazin ta' fuqu. L-ewwel darba li ra lis-sur Mizzi jsodd it-toqba bis-silicon permezz ta' sellum mill-bitha tieghu.

It-tieni darba li t-toqba instaddet jghid li sabha misduda bis-cement u virga tal-hadid fit-toqba u din d-darba ma rax lis-sur Mizzi isodd it-toqba. Jikkonferma li l-pipe tal-plastic kien tkisser u sakemm tkisser fit-tieni darba ma kienx hemm carcir mal-hajt tas-sur Mizzi. Fit-tieni darba li instaddet it-toqba sab it-toqba misduda bis-cement, bil-pajp imqaccat u virga tal-hadid fiha, kif ukoll il-katusi ta' fuq imkisra u imdawra ghat-terazzin tieghu kif ukoll seta josserva cement fit-terazzin tieghu. Jassumi li x-xoghlijiet

[4] Fol. 110 ta l-atti

saru mit-terrazin tieghu. Qal li huwa pprezenta ritratt biex jindika ic-capep tas-cement li sab.

In kontro ezami jghid li huwa ma kienx il-pesuna li ghamel it-toqba ghall-ewwel darba izda kien Kevin Zammit jew il-haddiema tieghu u cioe' l-persuna minghand min kien akkwista l-post. Jaqbel li ix-xoghol tat-toqba sar mill-appaltatur tieghu.

Illi nhar is-6 ta' Settembru, 2022 xehed il-perit tekniku Vincent Ciliberti u pprezenta ir-rapport tieghu li gie markat bhala dok VC1[5].

**Frankie Vella** xehed nhar is-16 ta' Lulju 2020 u qal li jigi missier l-kwerelant. Ikkonferma li ibnu Bjorn Vella ghandu terzzin fil-font li fih jabita. It-terrazin qieghed fuq wara tal-font u ihares ghal fuq il-bitha tal-appellant. Certu Kein Zammit kien l-izviluppatur u bena l-blokka hu u kien inkariga jghamel toqba fit-terazzin ta' ibnu li tferrha fil-bitha tal-appellant. Qal li ibnu kien xtara il-font tieghu minghand Kevin Zammit.

Qal li fuq l-appartament ta' ibnu Bjorn hemm tlett sulari b'katusi li jferrghu l-ilma mit-terrazin taghhom u jispiccaw fit-terrazin tal-kwerelant jew mit-toqba li nsaddet u regghet infethet bil-konegwenza li l-ilma kien jispica fil-bitha tal-appellant. It-toqba kienet saret temporanjament kif gie struwit jaghmel minn Kevin Zammit minhabba li skont Kevin Zammit kellhom isiru xi katusi. Qabel ma Kevin Zammit ta l-art bil-concrete fejn kien hemm il-garages kien inkarigah jghaddi xi pipes fil-garages. Jiftakar li kien ghadda pipes tal-40mm biex minnhom jghaddu pipes ohra ta' l-ilma u s-sistema elettrika. Dawn ix-xoghlijiet kienu saru fil-livell t'isfel u fid-drive-in biss u mhux fil-garages ghax l-art fil-garges kient diga lesta. Kienu ghaddew xi xhur meta Kevin Zammit kien inkarigah jaghmel it-toqba u Kevin Zammit kien cempillu biex jghidlu li Leli kien sadd it-toqba u biex jerga' jiftahha. Huwa mar u sab li kien hemm xi silicon u bicca hadida u naddaf it-toqba b'dan illi l-ilma jferra fit-bitha tal-appellant minghajr carcir. Jghid li l-conduit li kieninstalla rega' tnehha minn min ma jafx pero' dak inhar tnehha l-pipe bit-toqba li ma intadditx.

Muri Dok. EM1 in kontro ezami u mistqosi jekk dak ir-ritratt giex mehud meta x-xogholijiet fil-block kienu lesi fuq in-naha ta' wara u ma kienx hemm toqob fil-hajt tal-

[5] Fol. 53 ta' l-atti

bitha u lanqas pipes nezlin mill-fond ta' fuq il-font tal-imputat jghid li jaqbel li fir-ritratt ma kienx hemm toqob u cioe ir-ritratt jidher li ttiehed meta x-xoghlijiet kienu diga lesti u kien lest ukoll il-madum fit-terrazin tal-kwerelant. Il-kisi sar minn Kevin Zammit u kien hu li inakriga il-haddiema.

Jiftakar li kien hemm diga katusa niezla mill-appartament ta fuq il-font ta' ibnu pero' kienitx temporanja jew le ma jsitax jghid. Ma jidhrilux li kien hemm katusa niezla meta Kevin Zammit inkarigah ghall-ewwel darba biex jaghmel it-toqba. Kevin Zammit lilu kien qallu li l-ilma kellu jghadi mill-garages minghjar ma specifika mill-liema garage.

Jaqbel li s-sur Mizzi kien iltaqa' mieghu fil-bitha tal-garage tieghu waqt li kien qieghed jaghmel xi xoghol biex tigi mghoddija katusa ghan-naha 'l ohra tal-bini jigifieri gol-garage adjacenti ghal dak tal-kwerelant. Dan ix-xoghol kien inkarigah jaghmlu Kevin Zammit wara li kien fetah toqba u make wara li kien ghamel il-conduit fit-toqba. Jaqbel li Kevin Zammit kien konxju mill-problema tal-ilma li kien qieghed iferra fil-bitha tal-appellant u kien qalli li l-ahjar ikun li l-ilma jghaddi minn mas-saqaf tal-garage adjacenti ghal dak  tieghu. Jghid li l-garage adjacenti kien ta Kevin Farrugia pero' jaf li Kevin Farrugia kien trasferih lill-terzi. Jghid li meta kien inakrigah jaghmel it-toqba ghall-garage adjacenti fil-hajt tal-bitha huwa lill-appellant ma kienx avzah li kien sejjer jaghmel x-xogholijiet .

Kevin Zammit xehed nhar il-11 ta Mejju 2021 u spjega li kien biegh zewg proprjetajiet b'cessjoni u eventwalment b'kuntratt. F'kaz tal-kwerelant fir-rigward tal-appartament numru 1 u fir-rigward l-appellant il-garge numru 4. Jghid li meta biegh il-proprjeta din kient ghadha ma tezistix ghaliex fil-kuntratt kien biegh arja biss intiz ghall-bini li hemm illum . Qabel beda l-bini ffirma contract of works ma kull min xtara cioe' mas-sidien kollha u zamm favur tieghu id-dritt ta' servitu'. Jispjega li fil-presenza tal-appellant koen ghadda pipe fl-art cioe taht il-concrete fl-art tal-garage tieghu bil-ghan li eventwalment l-ilma mit-trrazin fuq wara inkluz dak tal-kwerelant jigu komunikati permezz ta' pipe li jinzel mill-appartamnti fil-bitha tal-garage tal-appellant u jigi komunikat mal-pipe li ghadda that il-concrete fil-garag tal-appellant.

Huwa wassal il-pipes ftit 'il fuq mis-saqaf tal-garage tal-appellant u dan minhabba li l-connection biex il-pipe jghaddi mill-bitha tal-appellat  bl-appellant li ma ridux.

Mistoqsi jekk l-appellant kienx kelmu dwar dan jghid li ma jiftakarx kienx kelmu jew sar jaf minghand terzi persuni. Jaghmel referenza ghal Dok BV2 specifikament ghar-ritratt numru 1, 2 u 5 u jikkonferma li dan huwa l-inzul tal-pipes. Jaghmel referenza ukoll ghal Dok. EM3 b'mod partikolari ghal Dokument F condition number 5 u jghid illi dawn huma l-kundizzjonijiet li kienu saru fl-att. Jiftakar li kien hemm kwistjoni dwar l-inzul tal-pipes bejn l-kwerelantu l-appellant. Filwaqt li kien li kien qabbad lil missier il-kwerelant biex jaghmel xi xoghlijiet fil-lock fosthom li jerga' jiftah it-toqba mit-terrazin tal-kwerelant ghall-bitha tal-appelllant kif ukoll qabel dan il-kaz kien qabbat lil missier l-kwerelant ikompli jinzel bil-pipe connections haga li kien konxju li sejjer ikollu jieqaf sat-terazin ta l-kwerelant minhabba li kif gja qal l-appellant kien qieghed jopponi.

Jghid li complaints partikolari ma kellux mill-partijiet dwar il-biegh li sar lilhom. L-appellant kien prezenti meta ghadda l-pipe taht il-concrete fil-garage tieghu. Jghid li ma jafx ghaliex l-appellant kien qed joggezzjona ghal din il-connection. Qal li l-appellant kien prezenti fit-tqeghid tal-pipe taht il-concrete fil-garage tieghu huwa fatt daqs kemm huwa fatt li l-appellant kien inkwetat li d-drain ma jaghmilx xoghlu ma dan kolllu kien hemm *option* li d-drain jghaddi mas-saqaf tal-garage tieghu pero' kienet il-*preferred option* tieghu (tax-xhud) li l-connection tghaddi minn taht l-concrete. Mistoqsi jekk kienx jaf illi x'hin baghat lil missier l-kwerelant biex jiftah it-toqba li kienet giet mizduda li din sejra tikkaguna hsara lill-appellant ighid li le l-options kienu li jew jgherqu l-penthouses u l-appartamenti jew inkella l-ilma joskula fil-bitha tal-appellant.

L-ilma tal-bitha fis-semi basement kien sejjer imur fil-gulley komunikat mal-pipe li jghaddi mill-garage tal-appellant. Jikkonferma li fis-semi basement mad-drain hemm imqabbad xi sink tal-kwerelant. Li kien inkariga lill-missier il-kwerelant jaghmel huma x-xogholijiet minimi inkluz xogholijiet relatati mal-mghodija tal-ilma, u xi xoghlijiet bhal tqeghid tal-madum.

Jghid li dak iz-zmien ma kienux obbligati jghamlu gibja mill-Awtorita tal-Ippjanar. Certi li meta ghamel il-kuntratti fuq il-lok, ma kienx hemm kostruzzjoni.

Rat il-vebal mehud mill-perit tekniku nhar it-2 ta' Lulju, 2021 fejn Dr Christopher Mizzi esebixxa Dok CM1 li hwua rapport tal-perit Edward Scerri li huwa perit *ex parte* u l-pjanti kif approvati minn fuq is-sistema ta' EAPPS mmarkati bhala dok CM" u dok CM3.

Rat l-access mizmum nhar it-2 ta' Lulju 2021[6] u jirrizlta lil-access tnieda billi gie spezzjonat l-internal development ta'numru ta garages f'Hilary Court fi Triq Borg Geritu ir Rabat Ghawdex. In segwitu l-espert tekniku zamm spezzjoni fil-garages ta' Hilary Court inkluz fil-garage numru 4 proprjeta tal-appellant li ma kellux installat biex fuqu kif muri fid-Dok. DSC 067JPG ghalkemm kien hemm installat bieb ghad-dahla komun tal-garages kif muri fid-Dok. DSC 0264 JPG kif l-esponenti osserva ukoll il-bitha tal-garage numru 4 proprjeta tal-imputat fejn deher evidenti il-bitha ghada mhux ccangjata.

Illi fil-hin tal-ispezzjoni mizmuma, l-appellant gibed l-attenzjoni tat-tekniku ghal katusa li kellu installata fil-bitha tieghu taht it-targa li twassal ghal gewwa il-garage kif muri fid-dokument DSC 0271 JPG.

Sussegwentement l-appellant kien informa lit-tekniku sabiex igieghel lill-kwerelanti inehhi numru ta' plywood boards kif muriha fid-dokument DSC 0277JOG fejn irrizulta galadarba tnehhew il-plywood boards deher x'kien hemm warajhom cioe' katusa u outlet tal-ilma kif ukoll aktar f'gholi t-tekniku osserva zewg outlets tal-ilma kif murija fid-dokument DSC 0273 JPG u Dokument DSC 0278JPG.

Minn dak li informa l-appellant lit-tekniku fil-hin tal-access mizmum il-katusa fil-garage tal-kwerelant hija komunikata mal-katusa li gejja mill-bitha ta l-appellant mirduma taht l-art fil-pipijiet komuni u tibqa' hierga sal-manhole tad-dranagg fuq wicc il-bankina kif muri fid-dokument DSC 0252 JPG.

Illi meta l-kwerelant gie mitlub mit-tekniku inehhi l-ixkora li kien hemm tghalaq il-blokk tal-katusa fil-garage b'dan illi l-esponenti jitbaxxa u jara kienx hemm riha ta drenagg hierga mill-pipe, l-appellant informa lit-tekniku li riha ma setax ikun hemm minhabba li kien installat sufun, filwaqt li l-appellant informa it-tekniku li l-katusa

[6] Fol. 136 ta l-atti

mirduma li gejja mil-bitha tieghu u ttermina fil-manhole kif muri fid-dokument DSC 0252 JPG tad-dranagg ma kelliex qlib bizzejjed.

Illi f'dan ir-rigward it-tekniku seta josserva trinka li giet mirduma li kienet tidher li ghaddejja mill-katusa li kien hemm fil-garage tal-kwerelant fid-direzzjoni ta fejn l-appellant idddikajra li kien hemm katusa ghaddejja bil-bokka fil-bitha tieghu u testendi tal-manhole tad-dranagg fit-triq.

Id-dokument mmarkat DSC 0272 JPG juri il-clean cut komunikata mal-pipe li jinsab mirdum li ghaddejjin that l-art bil-pipe li gej mill-bitha tal-appellant. Illi bi twegiba ghal dak li nghad mill-appellant il-kwerelant iddikjara li hu kien xtara il-font u l-garage fi stat misjub fil-hin tal-access mizmum.

Illi gew fotografati wkoll dokument DSC 0268JPG, DSC 0268 JPG u DSC 270 JPG li juru l-komunikazzjoni tal-ilma mill-verandas tal-kwerelant u terzi, inkluz dokument DSC 0270 li fih tidher car it-toqba ta' zewg pulzieri li gie mizdud mill-appellant.

Illi fil-hin tal-access mizmum, it-tekniku ha hsieb jiffotografa l-elbow li tidher imkissra kif ukoll it-toqba mill-veranda  tal-kwerelant li giet mizduda  kif muri fid-dokument DSC 0279 JPG.

Illi kif indikat fir-ritratt dokument DSC 274JPG il-pipe lewn abjad ta' fuq li fih zewg elbows huwa pipe li jircievi l-ilma minn gewwa l-appartamenti kif jixhed mill-grill li ghaddej fuq il-bankina kif muri fid-dokument DSC 0252 JPG filwaqt li l-pipe lewn abjad ta' taht dak ta' l-ilma li fir-ritratt esebit jidher mal-kantuniera tal-*common area* huwa pipe li mir-ritratt it-tekniku kkonkluda li huwa imqabbad ma l-*inspection chamber* DSC 252 JPG filwaqt li l-pipe lewn abjad ta' taht dak ta' l-ilma li fir-ritratt esebit jidher mal-kantuniera tal-*common area*, huwa pipe li mir-ritratt it-tekniku jikkonkludi li huwa imqabbad ma l-insepction chamber DSC 252 JPG, possibilment komunikat mal-medda mirduma ta' pipe li gej mill-bitha tal-imputat u tisbokka fil-*manhole*. Xieraq li jigu ezaminati l-pipes taht is-saqaf murija fid dokumenti DSC 0275 JPG u dokument DSC 0276 JPG.

Illi finalment it-tekniku acceda fil-veranda tal-kwerelant biex jigu maghduda l-filati li jdawru l-proprjeta tal-kwerelant biex jigu maghduda l-filati li jdawru l-proprjeta tal-kwerelant fejn irrizulta li kif jidher mir-ritratt esebit DSC 0280 JPG hemm sitt (6) filati

gholi kemm faccata tal-veranda kif ukoll mal-genb il-fuq mill-livell ta' l-art tal-veranda li jigu fuq il-bitha ta' l-appellanti.

Il-**Perit Vincent Ciliberti** xehed nhar il-31 ta' Jannar, 2023[7] in ezkuzzjoni jikkonferma l-konkluzjoni tieghu li l-akkuza fil-konfront tal-appellant tirrizulta ghaliex kien hu li sadd it-toqba darbtejn li kienet saret fit-terrazin tal-kwerelant. Qal li hu ma dahalx fil-kwisjtoni ta' min ghamel it-toqba fil-proprejta tal-kwerelanti.

Rat ix-xhieda tal-imputat appellant **Emanuel Mizzi** moghtija nhar id-29 ta' Jannar 2020 quddiem il-perit tekniku u stqarr li kien xtara garage semi basement fi Triq Borg Geritu Victoria u lejn it-tmien tas-sena 2018 peress li l-garage fih bitha ta' hames fuq in-naha ta wara mal-wiesgha kollu tal-garage wara li tlesta x-xoghol fuq in-naha ta wara, inkluza l-bitha pero' minghajr mal-art li ghad baqalha ssir fl-ahhar tas-sena 2018 sab toqba circa tlett kwarti ta' pulizier imtaqba mit-terazin tal-fond ta' fuq ghal bitha tal-garage tieghu.

Huwa esebixxa ritratt li gie markat bhala Dok EM1 li juri wara tal-garage mehud fil-bitha qabel ma ttaqbet it-toqba. Minghajr ma avza lil hadd ghalaq it-toqba li kienet gejja lejn il-bitha tal-garage tieghu lejn l-ahhar tas-sena 2018 qabel il-Milied.

Jghid li l-ilma li kien gej mit-terrazzin kien qieghed jinzel fil-bitha tieghu, jcarcar al-hajt ta' wara tal-garage u joskula l-isfel fuq l-art li sa llum mhux ccangjata.

Jiftakar li meta qabel il-Milied tas-sena 2018 tela' biex jaghlaq it-toqba bis-cement tfacca mit-terazzin l-kwerelant u staqsieh x'kien ser jghamel u kien wissieh biex ma jaghmilx aktar toqob jew iqabbad lil min. Jghid li l-kwerelant akkwista l-appartament tieghu fl-istess zmien li huwa akkwista l-garage. Kien wissieh li kien sejjer jghamel rapport l-ghassa tal-pulizija. Ftit tal-granet wara cioe' bejn l-24 ta' Dicembru u t-28 ta' Dicembru rega' mar l-garage u fil-bitha osserva li t-toqba li kien sadd sfrundat kif jidher fir-ritratt esesbit u markat bhala Dok EM2. Spjega li l-konsegwenzi tal-ftuh tat-toqba qieghed jirrizulta linja ta' carcir ta' ilma li jinzel mit-toqba appati li qieghed jinzel fil-bitha. Is-sol bejn il-bitha u l-garage huwa ta' circa erba' pulzieri.

---

[7] Fol. 216 tal-atti

Il-quddiem ghandu l-hsieb li jaghmel cesspit biex jilqa' l-ilma tax-xita biss. Spjega li mill-inspection chamber qudiem il-garage diehla katusa tad-drenagg li twassal sa taht is-soll tal-bieb li mill-garage iwassal ghall-bitha. Il-katusa hija ta' 80mm. L-istess mhedda ta dranagg tintuza ukoll mill-kwerelant fil-garge li ghandu. Jispjega li l-madum tal-bitha ghadu ma ghamlux minhabba li jekk joskula l-ilma mill-appartament tal-kwerelant jidhol fil-garage. Sallum ma hux sejjer jaghmel il-madum tal-btiha qabel tinghalaq it-toqba.

In kontro ezami jikkonferma lil-garage tieghu jifforma parti minn kumpless t'appartamenti u garages pero' jsostni li mhux suggett ghad-drittijiet u servitujiet ta' terzi. Jghid li l-bitha u l-garage huma distinti minn xulxin. Qal li Kevin Zammit l-kuntrattur ma kienx avvicinah biex jghamel katusa mas-sulari kollha, katusi ta' l-ilma fuq wara fil-bitha tieghu. Mhux minnu li kien hemm katusa vertikali ghal bitha tieghu u li kien kissirha.

Nhar l-14 ta Frar 2020 esebixxa l-att ta' akkwist li gie markat bhala Dok EM3 konsistenti minn pagna 1146 sa agna 1173.

Nhar it-2 ta' Lulju, 2020 rega' xehed[8] u qal li meta xtara il-garage kien diga lest inkluz l-art u l-*finishes* kollha barra il-kisi tal-bitha retrostanti. Il-garage tieghu huwa numru 4. Spjega li barra in-numru 4 fil-*common parts* sat triq ma kienx ghadu lest il-*concrete* fl-art tal-common parts. Meta xtara il-garage il-common parts kienu lesti fil-basement level u kien beda jinbena s-sula ta fuqu. Mill-garage tieghu kien involut fit-tqieghid ta medda pipes tat-80mm fil-*common parts* pipe li jghaddi fl-art cioe' pipe tad-drabagg li jizbokka fil-manhole fit-triq. F'nofs din il-medda tad-dranagg cioe' tal-katusi fil-common parts hemm imqabbda katusa ohra tad-dranagg li gejja mill-garage numru 1. F'din il-*connection* ma kienx involut. Il-pipe tad-dranagg mill-garage numru 1 huwa l-pipe gej mill-proprjeta ta' Bjorn Vella li huwa il-propretarju tal-garage numru 1. In segwitu sar il-kisi tal-bitha inkluz it-tibjid minghajr it-tqeghid tal-madum fl-art tal-bitha. Meta xtara il-garage ma kienx hemm katusi u lanqas *drain pipes* nizlin fil-bitha tieghu. Lanqas ma kienu jezistu xi drain pipes fl-appartamenti ta' fuq meta kienu diga mibnija l-appatrtamenti ta fuqu. L-arja tal-bitha tieghu hija privata u ma tiffurmax

[8] Fol. 127 ta' l-atti

parti mill-*common parts*. Mistoqsi jekk hux minnu li fil-kutratt kien xtara arja jghid li ma jiftakarx pero jaf li l-garage kien xtrah komplut lest bil-*finishes* kollha inkluz l-art ta' gewwa bil-bitha mhux miksija u bl-art fil-bitha mhux ccangjata. Jghid li jaqbel li iffirma kuntratt wiehed bbiss u k-att t akkwist jinsab esebit fl-atti.

Jikkonferma li huwa xtara bl-arja u bl-art taht il-garage. Meta xtara il-garage il-blokka ma kienitx ghada mibnija Ikkonferma li id-dokument EM1 ittiehed meta kienu ghadhom ma jabitawx nies fih u ma jidhru l-ebda drain pipes nezlin. Muri id-dokument markat Dok BV2 jghid li ma jaf xejn dwar il-katusi bojod u tal-plastic. Jichad li kien hemm xi pipes nizlin minn Hilary Court ghall-bitha tieghu. Jerga' jenfasizza li fil-bitha tal-garage tieghu qatt ma kien hemm katusi u meta saret it-toqba mit-terrazin ta' Bjorn Vella ma kien hemm qatt xejn u li toqba zghira ta nofs pulzier saret provizorjament skont Dok EM1. Jichad li kien hemm drainpipes imwasslin sal-livel tas-saqaf tal-garage tieghu u cioe l-art ta' Bjorn Vella kif jirrizulta minn Dok EM1. Jichad li kien kellem lil Kevin Zammit dwar xi pipes u dwar xoghlijiet li saru go hwejjgu minghajr il-permess tieghu. Mistoqsi ghaliex kien kisser l-elbow lewn abjad li jidher fid-dokument BV2 jghid li huwa qatt ma kisser pipes. Jikkonferma li t-terrazin ta' Bjorn Vella huwa accessibli minn kullimkien. Qal li l-problema li ghandu mal-kwerelant hi li ghamillu l-hsara. Jichad li qatt kelmuh Bjorn Vella, misieru Frank jew Kevin Zammit fuq xi pipes mirduma fil-garage numru 4 I iwaslu ghall-komun .

B'certu enfasi jghid li pipes gol-bitha tieghu qatt ma kellu u m'ghandux u t-toqba gejja mill-veranda tal-kwerelant taghti ghal fuq il-bitha tieghu. Jikkonferma li hemm toqba ta' nofs pulzier .

Ikkunsidrat ulterjorment.

Illi bhala fatti jirrizultaw is-segwenti:

1. Illi l-appellant huwa sid ta' garaxx bil-bitha retrostanti internament bin-numru erbgha (4) fil-livell ta' semi-basement taht il-livell tat-triq gewwa blokka ta' appartamenti u garaxxijiet bl-isem "Hilary Court" gewwa Triq Borg Geritu, Ir-Rabat, Ghawdex;

2. Illi fl-istess blokka msemmija l-kwerelant Bjorn Vella huwa sid ta' appartament internament bin-numru wiehed (1) fl-ewwel sular sovrastanti *in parte* l-garaxx tal-appellant, kif ukoll sid ta' garaxx iehor internament ukoll bin-numru wiehed (1) fil-livell ta' semi-basement;

3. Illi f'xi zmien lejn l-ahhar tal-2018 l-kwerelant qua sid l-appartament sovrastanti ghamel jew qabbad lil min jaghmel toqba li taghti minn got-terrazzin tal-kwerelant stess ghal gol-bitha, vide ir-rittratt sussegwenti **Dok. EM2**, ritratt mehud mill-istess bitha tal-appellant li turi t-tkissir fil-faccata ghal gol-bitha tal-appellant.

4. Illi l-appellant ha hsieb u pprova jaghlaq din it-toqba biex jipprova jevita it-tnixxija tal- ilma go hwejgu;

5. Minkejja dan l-kwerelant Bjorn Vella rega' fetah din it-toqba ghall-iskopjiet tieghu, minkejja li kien imwissi kemm verbalment mill-imputat, kemm b'mod ufficjali permezz ta' ittra ufficjali numru 699/2018 fl-24 ta' Dicembru 2018 u anke mill-pulizija rigward il-hsara li qed tigri u l-inkonvenjent abbuziv li kien qed johloq;

6. Illi din it-toqba baqghet miftuha — u ghadha miftuha sa llum — kif halliha l-ahhar il-kwerelant bl-ilma jcarcar il-hin kollu minn go hwejjeg il-kwerelant ghal gol-propjeta` tal-imputat;

7. F'dan ir-rigward il-Pulizija hargu t-tahrika fil-konfront tal-appellant marbuta ma' *ragion fattasi;*

Illi ghalhekk l-unika akkuza li instab hati taghha l-appellant hija dik ta' raggion fattasi. Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tghaddi issa sabiex tiddeskrivi l-elementi ta' raggion fattasi.

L-offiza tar-ragion fattasi dderivat fil-ligi taghna mill-Artikolu 168 tal-Kodici Naplitan jew Codice del Regno delle due Sicilie tal-1819. L-offiza giet klassifikata mill-legislatur taghna bhala wahda mid-delitti kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u Amministrazzjonijiet ohra. Il-**Professur Sir Anthony Mamo** fin-noti tieghu fuq il-Ligi Kriminali fit-tieni volum, iddeskriva dawn l-offizi kontra l-Amministrazzjoni talGustizzja bhala s-segwenti:

> *'These crimes attack the State but indirectly, inasmuch as, without being actuated by motives hostile to the Government, they proceed from other causes, often of a private character and affect those social institutions on and by which the machinery of the Government rests and moves: those institutions, that is to say, which provide the means of guaranteeing to every member of the community the integrity of his rights and those benefits which derive from the state of civil society.'*

Il-gurista **Francesco Carrara** fil-ktieb tieghu[9] jiddefinixxi l-offiza tar-ragion fattasi bhala ssegwenti:

> *'La ragion fattasi è il delitto di chiunque credendo di aver un diritto sopra cosa nell'altrui possesso, o sopra altro individuo lo esercita malgrado la opposizione vera o presunta di questo, pel fine di sostituire la sua forza privata all'autorita' pubblica, senza per altro eccedere in violazioni speciali di altri diritti.'*

L-Imhallef Emeritus Vincent De Gaetano fil-kawza **Il-Pulizija -vs-Anthony Micallef**[10] din il-offiza giet deskritta bis-segwenti mod:

> *'Ir-reat ipotizzat fl-imputazzjoni huwa dak ta' delitt kontra l-amministrazzjoni tal-gustizzja, u aktar precizament id-delitt ta' l-uzu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita' pubblika.* ***L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali hu intiz mhux biex jipprotegi***

[9] Volum V fil-Parti Specjali.
[10] Appell Kriminali numru: 232/2002 deciz nhar it-30 ta' Lulju 2004.

***l-proprjeta', mobbli jew immobli, ta' dak li jkun - ghal tali protezzjoni hemm l-azzjoni civili – izda biex jipprevjeni l-uzurpazzjoni mill-privat tas-setghat ta' l-awtorita' pubblika.*** *Isegwi ghalhekk li, indipendentement mill-protezzjoni moghtija permezz ta' l-azzjoni jew azzjonijiet civili, jekk jirrizulta bhala fatt li kien hemm l-uzurpazzjoni ravvizata fl-imsemmi Artikolu 85, il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ghandhom jagixxu tempestivament biex jirristabilixxu l-ordni pubblika permezz tas-sanzjoni penali.' (enfazi mizjuda)*

Minn hawn johrog bic-car li l-Qrati ta' Gustizzja Kriminali fl-ezami tal-imputazzjoni taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali huma mghobbija bl-ezami jekk il-privat u f'dan il-kaz l-appellant uzax l-awtorita' tieghu innifsu flok ma rrikorra ghand l-Awtoritajiet kompetenti.

Il-gurista Francesco **Carrara** fil-ktieb tieghu fuq kwotat jelenka erbgha (4) elementi li jridu jissussistu sabiex imputat jinstab hati ghar-reat. Dawn l-elementi huma s-segwenti:

*1. Un atto esterno che spogli altri di un bene che gode, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo;*
*2. Credenza di far quest'atto in esercizio di un diritto;*
*3. Coscienza di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati;*
*4. Mancanza di titolo piu grave.*

Dawn l-erba' elementi kif tajjeb osserva l-appellant fir-rikros tal-appell tieghu sostna lidawn gew adottati fil-Qrati taghna fosthom fil-kawzi **<u>Il-Pulizija -vs- Giuseppe</u>**

**Bonavia et**,[11] **Il-Pulizija -vs- Salvatore Farrugia**[12] u **Il-Pulizija -vs- Professur Henry Frendo**[13] li huma ssegwenti:

'Kif inhu risaput, l-erba' elementi li jridu jikkonkorru biex jikkonfigura ruhhu r- reat ta' ragion fattasi huma:-

> *(1) att estern li jispolja lil xi haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-haddiehor,*
> *(2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt,*
> *(3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel di privato braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika, u*
> *(4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.*[14]

**Att estern li jispolja lil xi haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-haddiehor**

Fil-kaz odjern irrizulta li l-appellant ghamel xogholijiet fil-proprjeta tal-kwerelant billi kif stqarr hu stess sad it-toqba li kien ghamel l-kwerelant jew missieru fit-terrazin taghhom u dan ghamel hekk sabiex jevita lii jinzel l-ilma fit-bitha tieghu. Tajjeb li jinghad li dan l-att sar mill-appellant xi zmien wara li in effetti l-kwerelant kien ghamel din it-toqba. Tajjeb li jigi enfasizzat illi minhabba dawn ix-xoghlijiet, l-ilma li jakkolji fuq it-terrazzin tal-parte civile jibqa fuqu u ma jsitax jinzel 'il barra. M'hemmx dubju li b'dak li ghamel l-appellant qieghed jindahal fi hwejjeg hadd iehor. B'dak li ghamel l-appellanti zgur li qieghed igieghel lill-kwerelanti jakkolji l-ilma kollu tieghu fuq it-terrzzin . Ghalhekk l-att estern tal-offiza huwa pruvat.

---

[11] Deciza nhar l-14 ta' Ottubru 1944 mill-Qorti tal-Appell.
[12] Deciza nhar l-14 ta' Dicembru 1957 mill-Qorti tal-Appell
[13] Deciza nhar id-19 ta' Awwissu 2005 mill-Qorti tal-Appell
[14] Ara wkoll **Il-Pulizija vs Anthony Zahra** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imhallef Lawrence Quintano u datata l-20 ta' Gunju 2014. Ara wkoll fost ohrajn **Il-Pulizija vs Mario Bezzina**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-Imhallef David Scicluna u datata 26 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Michael Lungaro**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri kif ippreseduta mill-imhallef Joe Galea Debono u datata l-15 ta' Mejju 2003 u **Il-Pulizija vs Eileen Said** deciza mill-Qorti tal-appell Kriminali Sede Inferjuri ppreseduta mill-Imhallef Joe Galea Debono u datata d-19 taz Gunju 2002.

**Il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt.**

Illi hawnhekk irid jigi determinat x'intenzjoni kellu l-appellanti meta wettaq ir-reat u cioe' l-intenzjoni li jiehu l-ligi b'idejh u dan biex jezercita dritt li jahseb li ghandu. Hekk inghad fis-sentenza **Il-Pulizija -vs- Eileen Said**:

> *"Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju.*
>
> *Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu iddgawdija taghha."*[15]

Fil-kaz in desamina jirrizulta li l-appellant ma kellux dritt li jsodd it-toqba fuq it-terrazin lill-kwerelant u dan ghaliex minkejja li forsi civilment seta' kellu xorta l-kwerelant kien qed igawdi minn dan l-istat ta' fatt. Din il-Qorti ma setghetx ma tinnutax il-parti tax-xhieda tal-appellant fejn meta gie mitlub jispjega ghalfejn kellu bzonn isodd it-toqba darbtejn, dana qal li ma jridx li l-ilma tal-flats sovraposti jinzel fil-bitha tieghu. Huwa minnu li skont il-kuntratt ta' akkwist hemm imnizzel li is-sidien tal-appartamenti sovraposti ma jsitghux jitfghu l-ilma fil-bitha tal-appellant pero' din hija materja civili. Hawnhekk qeghdin fil-kamp penali u m'hemmx dubjuli b'dak li ghamel l-appellant idddisturba l-istatus quo tal-kwerelant. Ghalhekk dan l-element jirrizulta wkoll ippruvat.

[15] Deciz minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta nhar id-19 ta' Gunju, 2002.

**Il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel *di privato braccio* dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika.**

M'hemmx dubbju li l-appellant kien jaf li l-kwerelant kien ghamel din it-toqba sabiex joskura l-ilma u ma jingemax fit-terazzin tieghu. Madankollu, l-appellant ma tax kaz dan il-fattur u qabad u sadd it-toqba billi pogga is-cement fit-toqba u b'hekk ippriva lill-kwerelant mit-tgawdija li l-ilma jaqa' minn fuq it-terrazin tieghu .

Illi l-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp civili dwar l-*actio spolii* – **huwa li tipprotegi l-*istatus quo***.[16] Issa mmaterjalment mill-jeddijiet ta' natura civili li jgawdu l-partijiet fuq din il-proprjeta', jirrizulta inkonfutabbilment illi l-kwerelant kien ghamel jew has hsien I jsiru x-xoghlijiet necessarji sbiex jizblokka l-ilma minn fuq it-terrazin tieghu. Dan ifisser illi l-appellanti unilaterlament biddel dan l-*istatus quo* tal-kwerelant hesrem u b'mod illegittmu.

**In-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi**[17]

Illi minn ezami tax-xhieda moghtija u tal-elementi precedenti jirrizulta b'mod inekwivoku li l-offiza ma hi xejn ghajr ghal dik ta' ragion fattasi.

Ghalhekk fid-dawl ta' dak li ntqal aktar l'fuq din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel Qorti kienet korreta fil-gudizzju taghha meta sabet lill-appellanti hati tal-akkuza kif addebtiata fil-konfront tieghu.

Ovvjament huwa sufficjenti li jikkonkorru l-ewwel tliet elementi. Ghall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi huwa bizzejjed xi forma ta' pussess.

---

[16] Ara **Il-Pulizija vs Jane Scicluna** deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Frar, 2010.
[17] Ara fost diversi sentenzi, **Il-Pulizija vs. Salvatore Farrugia**, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Farrugia**, Appell Kriminali 17 ta' Frar, 1995; **Il-Pulizija vs. Carmelo Ciantar**, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll **Falzon, G., Annotazioni alle Leggi Criminali (Malta),** 1872, p. 123).

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Denise Caruana</u>**[18] qalet hekk:

> ***'...... kwistjonijiet dwar titolu ma jistghux ikollhom effett sabiex tigi stabbilita jew eskluza ir-reita'. <u>Dan ghaliex dak li trid tindaga il-Qorti huwa jekk kienx jezisti stat ta' fatt li ġie mibdul unilateralment minn parti wahda tant illi l-vittma ta' dan ir-reat tigi ipprivata mill-uzu jew tgawdija ta'l-oggett li kien fil-pussess tagħha qabel dak l-att spoljattiv… …</u>***
>
> *Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew migbura mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni tagħha, liema esposizzjoni tad-dritt hija dettaljata tant illi din il-Qorti ma ghandha ghalfejn izzid xejn iktar fir-rigward. Jigi osservat biss illi:*
>
> ***"Din il-Qorti tibda biex tghid li r-reat kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hux intiz biex jissostitwixxi l-azzjonijiet rivendikatorji jew xort'ohra li bihom dak li jkun jikseb ir-rikonoxximent tad-drittijiet tiegħu fi jew fuq proprjeta`, mobbli jew immobbli.***
>
> ***<u>L-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp ċivili dwar l-actio spolii – huwa li tipprotegi l-istatus quo."[19]….</u>***
>
> *"Ghall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi 'il-pussess materjali, jew detenzjoni, hu sufficjenti ghall-avverament tal-ipotesi tal-ligi' (ara appell kriminali <u>Il-Pulizija vs George Zahra</u>, 16 ta' Lulju 1958 – Vol. XLII.iv.1453). Min ikollu oggett misluf lilu ghat-tgawdija tiegħu ghandu l-pussess materjali ta' dak l-oggett. Taht l-artikolu 85 tal-*

[18] Deciza fit-30 ta' Novembru, 2016 per Onor Imhallef E. Grima

[19] Ara **<u>Il-Pulizija vs Jane Scicluna</u>** deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Frar, 2010.

*Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn li jigi ippruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk.[20]"*

L-appellant sostna ihuwa agixxa in difesa tieghu u ecepixxa id-difiza ta vim vi ripellere lecit. Kif jghid Giulio Crivellari fil-ktieb tieghu Il Codice Penale per il Regno d'Italia interpretat fuq skorta ecc. UTET, 1895:

*"La massima vim vi repellere licet, come l'altra qui continuat non attentat…escludono l'esercizio arbitrario. Egli e` percio` che se per togliere il mio diritto di passaggio si erigera` una siepe, in quello stesso momento avro` diritto di abbatterla, allora respingero` un arbitrio, ma non commettero` mai un atto arbitrario.[21]"*

L-istess isostni Francesco Antolisei[22]:

*"L'ordinamento giuridico, infatti, ai fini della pace sociale, consente l'autotutela nei casi in cui si verifica il pericolo attuale di un attacco ingiusto, il che tradizionalmente viene espresso col principio generale vim vi repellere licet, e, nel caso specifico, con l'antica massima qui continuat non attentat. Pertanto, non commette esercizio arbitrario il possessore di un fondo che, usando violenza, si oppone a taluno che violentemente cerca di occupare il fondo stesso. Nel conflitto delle pretese prevale l'interesse del possessore."*

Infatti din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li intqal fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **The Police vs Jane Deguara**[23] fejn inghad li:_

*It is clear from the above, however, that for the principles contained in these salutary maxims to be applicable, the opposition to the threatened*

[20] Ara l-Appell Kriminali fl-ismijiet **il-Pulizija vs Mario Bezzina** deciz nhar is-26 ta' Mejju, 2004.
[21] op. cit. Vol. VI page 751 (para. 303).
[22] Manuale di Diritto Penale – Perte Speciale II Giuffre` (Milano), 1986.
[23] Deciza 5 ta' Settembru, 2003.

*spoliation or the retaking of possession must be immediate. Thus, for instance, if the landlord has forcibly evicted the person in possession of the premises by changing the lock to the door of the said premises while the possessor was out, the latter may, on returning in the evening force again the new lock and retake possession of the premises. He would not be guilty of the offence under Section 85 of the Criminal Code. But if the person who was in actual possession does nothing as soon as he becomes aware of the change, he cannot return two, three or four days later and break into the premises in exercise of his pretended right to re-acquire possession of the place. The raison d'etre for the principles above mentioned is that because of the actual threat of spoliation one cannot have recourse to the proper authorities – one has acted immediately to retain or to re-acquire possession. But if there is a certain lapse of time, then the law requires reference to the proper authorities. Moreover, for the principle qui continuat non attentat to apply, the person must actually be maintaining the status quo and acting strictly within the limits of the right or of the possession that he actually enjoys, and not enlarging upon that right or upon that possession.*

Mill-provi prodotti ma jirrizultax li effettivament l-kwerelant qabad u sadd it-toqba immedjatament wara li l-kwerelant ghamel it-toqba. Anzi addirittura jirrizulta li kien hemm passagg ta' zmien bejn l-azzjoni tal-kwerelant u dik tal-appellant. Ghalhekk tali aggravju qed jigi michud

L-appellant kellu aggravju ukoll fuq il-piena imposta mill-ewwel Qorti ghaliex fil-fehma tieghu kienet wahda eccessiva. Illi, gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza illi Qorti ta' revizjoni bhala regola, ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti f'dawk ic-cirkostanzi, kemm -il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena moghtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".[24] Illi, minn ezami akkurat tas-sentenza

[24] **The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek,** deciza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

impunjata, jirrizulta illi l-piena erogata kienet wahda legalment u ragonevolment valida u mhux eccessiva. Il-Qorti hija tal-fehma li ma tezisti l-ebda raguni li tista' twassalha titbieghed mid-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti meta din giet biex tikkalibra l-piena. Dan iwassal sabiex anke dan l- aggravju tal-appellanti jkun respint.

Din il-Qorti hi tal-fhema illi s-sentenza tal-Ewwel Qorti kienet *safe u satisfactory* ghaliex il-provi migjuba kienu bizzejjed sabiex joholqu ness bejn l-appellant u l-agir kriminuz. A skans ta' hafna repetizzjoni, il-Qorti zzomm bi shih ma dak li diga' qalet fl-aggravju precidenti. L-appellant fir-rikors tieghu tenna illi l-ligi qieghda hemm sabiex tipprotegi kazijiet genwini u mhux biex ghalxejn b'xejn min jaghmel l-ilment ikun hu li jaghmlu biex johloq ostakli biex jimpedixxi lil haddiehor mit-tgawdija ta' hwejjgu. Mhux l-ewwel darba li kazijiet ta' dan it-tip gew quddiem din il-Qorti u ghalkemm f'dawn il-proceduri tohrog b'mod sfaccat l-animozita' bejn l-appellant u l-parti leza u li ilha ghaddeja ghal certu zmien, fil-kaz odjern kien l-appellant li fixkel lill-parti leza mit-tgawdija tal—uzu tat-terrazzin bla ilma u mhux *vice versa.* Ghalhekk din il-Qorti qieghda tichad l-appell mressaq mill-appellant

**(ft). Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Imhallef**

**Margaret De Battista**

**Assistent Registratur**